Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta'Ottubru 1994

rigward kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fis-settur tal-iskart(implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE)

(94/741/KE)

(ĠU L 296, 17.11.1994, p. 42)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/151/KE tas-6 ta' Marzu 2007	L 219M	317	24.8.2007
►M2	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2252 tas-16 ta' Diċembru 2021	L 454	4	17.12.2021

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta'Ottubru 1994

rigward kwestjonarji għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fis-settur tal-iskart(implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE)

(94/741/KE)

Artikolu 1

Il-kwestjonarji mehmuża ma' din id-Deċiżjoni, li jirrelataw mad-Direttivi tal-Kunsill 75/439/KEE, 75/442/KEE u 86/278/KEE huma hawnhekk adottati.

Artikolu 2

l-Istati Membri sejrin jużaw dawn il-kwestjonarji bħala bażi biex ifasslu r-rapporti settorjali li huma mitluba li jissottomettu lill-Kummissjoni in-segwitu ta' Artikolu 5 tad-Direttiva 91/692/KEE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS

LISTA TA' KWESTJONARJI

1. Kwestjonarju relatat mad-Direttiva tal-Kunsill 75/439/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar id-disponiment ta' żjut maħruqa ([1]), kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 91/692/KEE ([2]).

2. Kwestjonarju relatat mad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar skart ([3]), kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 91/692/KEE.

3. Kwestjonarju relatat mad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari l-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ tintuża fl-agrikoltura ([4]), kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 91/692/KEE.

([1]) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 23.
([2]) ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.
([3]) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 47.
([4]) ĠU L 181, tal-4.7.1986, p. 6.

▼B

Applikazzjoni tad-Direttiva 91/692/KEE dwar rapporti tal-armoniżżazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti direttivi rrelatati mal-ambjent

KWESTJONARJU

għar-rapport tal-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 75/439/KEE dwar id-disponiment ta' żjut maħruqa kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/692/KEE [1]

Ma hemmx bżonn li tkun ripetuta l-informazzjoni li diġà kienet provduta

I. INKORPORAZZJONI FIL-LIĠI NAZZJONALI

1. (a) Il-Kummissjoni kienet provduta bid-dettalji tal-liġijiet kurrenti u r-regolamenti fis-seħħ biex tkun inkorporata d-Direttiva kif emendata fil-liġi nazzjonali?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Le", allura għati r-raġunijiet għaliex.

2. (a) Ittieħdu miżuri in segwitu għal Artikolu 7?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", il-Kummissjoni kienet provduta bid-dettalji ta' dawn il-miżuri?

(Iva/Le)

(ċ) Jekk it-tweġiba għal (b) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

3. (a) Kienu adottati miżuri aiktar stretti in segwitu għal Artikolu 16?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", il-Kummissjoni kienet provduta b'dettalji ta' dawn il-miżuri?

(Iva/Le)

(ċ) Jekk it-tweġiba għal (b) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

II. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

1. (a) In segwitu għal Artikoli 2 u 3, il-miżuri meħtieġa ittieħdu biex jassiguraw li żjut maħruqa jinġabru u jkun disponuti mingħajr ma jikkawżaw xi ħsara li tista' tkun evitata għall-bniedem u l-ambjent?

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

(ċ) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok kompli t-tabelli li ġejjin, sa fejn hu possibbli, billi tgħid jekk xi parti mill-informazzjoni mogħtija hijiex stima.

(i)

	Sena 1	Sena 2	Sena 3
Total ta' żejt immarkettjat/mibjugħ fejn kien hemm			

(ii)

	Sena 1	Sena 2	Sena 3
Total ta' żjut maħruqa li minnhom:			
Kwantità miġbura			
Kwantità riġenerata			

[1] ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.

▼B

	Sena 1	Sena 2	Sena 3
Kwantità maħruqa			
Kwantità tippjata (inkluża ħażna permanenti)			

2. (a) Xi kostrizzjonijiet tekniċi, ekonomiċi u organizzazzjonali li hemm riferenza għalihom f'Artikolu 3(1) ipprojbixxew lill-Istati Membri milli jagħtu prijorità lill-ipproċessar taż-żjut maħruqa bir-riġenerazzjoni?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

(ċ) Xi kostrizzjonijiet tekniċi, ekonomiċi u organizzazzjonali li hemm riferenza għalihom f'Artikolu 3(2) affettwaw il-possibiltà tal-kombustjoni ta' żjut maħruqa?

(Iva/Le)

(d) Jekk it-tweġiba għal (c) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

(e) Jekk il-kostriġimenti msemmija hawn fuq jipprojbixxu r-riġenerazzjoni jew il-kombustjoni ta' żjut maħruqa, ittieħdu xi miżuri skond Artikolu 3(3)?

(Iva/Le)

(f) Jekk it-tweġiba għal (e) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji.

3. (a) Ngħatat xi informazzjoni pubblika u saru xi kampanji promozzjonali, in segwitu għal Artikolu 5(1)?

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tal-kampanji nazzjonali u fejn possibbli aġħti eżempji ta' kampanji oħra, billi tindika fost oħrajn l-awtorità li nediet il-kampanja, in-natura tal-kampanja, il-media (TV, radju, gazzetti, eċċ.), il-gruppi indirizzati, u kwalunkwe assessjar tal-effettività tal-kampanja kemm-il darba din twettqet (dan jista' jkun espress f'termini ta' xi żjieda tal-ġbir taż-żejt maħruq għat-trattament jew ir-riġenerazzjoni).

4. Jekk jogħġbok kompli t-tabella li ġejja, li tirrelata għal impriżi tal-ġbir taż-żjut maħruqa (għid jekk xi parti mill-informazzjoni mogħtija hijiex stima).

NUTS (*) livell ta'awtorità supervižjonarja (Artikolu 5(4))	Numru ta` awtoritajiet	Sistema permittenti stabbilita (Iva/Le)	Numru totali ta' impriżi reġistrati/permessi		Kummenti (Uża folja separata jekk ikun hemm bżonn)
			Żjut maħruqa biss	Żjut maħruqa u skart ieħor	

(*) NUTS: Nomenklatura dwar unitajiet territorjali għall-istatistiċi (Eurostat)

▼B

5. (a) Kien deċiż li jkunu allokati żjut maħruqa lil xi tip ta'ipproċessar stipulat f'Artikolu 3 kif ipprovdut għalih f'Artikolu 5(3)?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok għid in-natura tal-allokazzjoni.

(ċ) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok għid jekk l-iċċekkjar xieraq kienx istitwit u, jekk hu hekk, iddeskrivihom fil-qosor.

6. (a) Jekk jogħġbok kompli t-tabella li ġejja, relattata mal-impriżi li jiddisponu miż-żjut maħruqa, waqt li tgħid jekk xi informazzjoni mogħtija hijiex stima.

Tabella A

NUTS livell ta'awtorità (Artikolu 6(1))	Numru ta'awtoritajiet	Numru ta' permessi (*) Żjut maħruqa biss			Kummenti addizzjonali
		Riġenerazzjoni	Kombustjoni	Ittippjar (inkluż ħżin permanenti)	

(*) Stabbilimenti/impriżi.

Tabella B

NUTS livell ta'awtorità (Artikolu 6(1))	Numru ta'awtoritajiet	Numru ta' permessi (*) Skart biss			Kummenti addizzjonali
		Riġenerazzjoni	Kombustjoni	Ittippjar (inkluż ħżin permanenti)	

(*) Stabbilimenti/impriżi.

(b) indika l-awtorita kompetenti sodisfatx li l-miżuri tal-protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent xierqa kollha ttieħdu kif hemm provdut għalihom f'Artikolu 6(2)

7. (a) Jekk jogħġbok kompli t-tabella li ġejja bil-valuri tal-limitu stabbiliti għal sustanzi mniżżla fl-Anness għad-Direttiva (Artikolu 8(1)(a)) u għal xi parametri jew sustanzi oħra.

Pollutant	Valur tal-limitu f'Anness tad-Direttiva	Valur tal-limitu Nazzjonali		Kummenti (Uża folja separata jekk ikun meħtieġ
	Mg/Nm^3	Valur	Unità	
Cd	0,5			
Ni	1			
	Jew Jew			
Cr				
Cu	1,5 5			
V				
Pb	5			
Cl	100			

▼B

Pollutant	Valur tal-limitu f'Anness tad-Direttiva	Valur tal-limitu Nazzjonali		Kummenti (Uża folja separata jekk ikun meħtieġ
	Mg/Nm^3	Valur	Unità	
F	5			
SO_2	—			
Trab, total	—			

(b) Jekk jogħġbok agħti dettalji tal-kontrolli li japplikaw għal żebgħat b'input termali ta' anqas minn 3W (Artikolu 8(1)(b)), waqt li tindika kwalunkwe valuri tal-limitu nazzjonali li ġew stabbiliti bil-mili tat-tabella li ġejja.

Pollutant	Valur tal-limitu nazzjonali		Kummenti (Jekk ikun meħtieġ uża folja separata)
	Valur	Unità	
Cd			
Ni			
Cr			
Cu			
V			
Pb			
Cl			
F			
SO_2			
Trab, total			

(ċ) Jekk jogħġbok kompli t-tabella li ġejja, relatata mal-kombustjoni ta' żjut maħruqa f'impjanti, waqt li tgħid jekk xi informazzjoni mogħtija hijiex stima.

NUTS livell ta' awtorità superviżjonarja (Artikolu 8(1))		Numru ta'awtoritajiet	Kummenti addizzjonali
> 3 MW			
< 3 MW			

▼B

8. In segwitu għal Artikolu 11, jekk jogħġbok kompli t-tabella li ġejja rigward il-kwantitajiet minimi ta' żejt ħażin kif speċifikati mill-Istati Membri.

	Kwantità minima	Kummenti addizzjonali
Produzzjoni		
Kollezzjoni		
Disponiment		

9. (a) Indennizzi, kif ipprovdut għalihom taħt Artikolu 14, jingħataw lil impriżi li jiġbru ż-żjut maħruqa

(Iva jew Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok agħti l-ammont medju ta' dawn l-indennizzi, iddeskrivi l-bażi li fuqhom jiġu kkalkulati u deskrivi l-metodu/i tal-finanzjament.

10. (a) L-indennizzi, kif ipprovdut għalihom taħt Artikolu 15, jingħataw lil impriżi li jiġbru ż-żjut maħruqa?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok agħti l-ammont medju ta' dawn l-indennizzi, iddeskrivi l-bażi li fuqhom jiġu kkalkulati u ddeskrivi l-metodu/i tal-finanzjament.

▼B

Applikazzjoni tad-Direttiva 91/692/KEE dwar rapporti ta' armonizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi relatati mal-ambjent

▼M1

KWESTJONARJU

għar-rapport ta' l-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/12/KEE

▼B

Mhemmx bżonn li tkun ripetuta informazzjoni li diġà kienet provduta.

I. INKORPORAZZJONI FIL-LIĠI NAZZJONALI

1. (a) Il-Kummissjoni kienet provduta bit-dettalji tal-liġijiet kurrenti u bir-regolamenti fis-seħħ biex tinkorpora d-Direttiva kif emendata bil-liġi nazzjonali?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba ta' (a) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex

2. Jekk jogħġbok indika fit-tabella ta'hawn taħt in-numru (stmat) tal-awtoritajiet kompetenti f'kull livell NUTS iddisinjat in segwitu għal Artikolu 6 u indika l-kompetenza billi tittikkja l-kaxxi rilevanti.

Tip ta'awtorità							
	Numru ta'awtoritajiet jew istituzzjonijiet	Pjanijiet ta'immaniġġjar tal-iskart (Artikolu 7(1))	Permessi għall-operazzjonijiet ta' disponiment (Artikolu 9(1) (*)	Permessi għal operazzjonijiet ta'irkupru (Artikolu 10) (*)	Reġistrazzjoni ta'eżenzjonijiet minn kondizzjonijiet ta' Artikoli 9 u 10 Artikolu 11	Reġistrazzjoni ta' stabbilimenti u impriżi in segwitu għall– (Artikolu 12)	Kummenti (Uża jekk ikun hemm bżonn folja separata)
NUTS 0 (**)							
NUTS 1							
NUTS 2							
NUTS 3							
NUTS 4							
NUTS 5							

(*) Stabbilimenti/Impriżi.
(**) NUTS: Nomenklatura ta' unitajiet territorjali għal statistiċi (Eurostat).

II. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

1. (a) Saru pjani dwar l-immaniġġjar tal-iskart sabiex jintlaħqu l-għanijiet li hemm riferenza għalihom f'Artikoli 3, 4 u 5?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

▼B

(ċ) Għal kull immaniġġjar tal-iskart, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji kif ġej (uża faċċata separata jekk ikun hemm bżonn)

Awtorità	Data ta'			Kategoriji ta' skart koperti			
	Adozzjoni/ Pubblikazzjoni	Bidu tal-applikazzjoni jew l-ahhar aġġornament	Tmiem l-applikazzjoni (*)	Skart domestiku (Iva/Le)	Skart perikoluż (Iva/Le)	Oħrajn (Jekk jogħġbok speċifika)	Inħawi koperti

(*) Fil-każ ta' pjan fl-azzjoni, jekk jogħġbok speċifika l-"azzjoni".

(d) (i) Kien hemm xi kollaborazzjoni, kif hemm irriferut f'Artikolu 7(2), ma' xi Stati Membri oħra jew mal-Kummissjoni?

(Iva/Le)

(ii) Jekk it-tweġiba għal (i) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok agħti d-dettalji sal-estent u l-forma ta' kwalunkwe tali kollaborazzjoni.

(e) (i) Il-Kummissjoni kienet provduta b'dettalji ta' kwalunkwe miżuri ġenerali meħuda in segwitu għal Artikolu 7(3)?

(Iva/Le)

(ii) Jekk it-tweġiba għal (i) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

2. (a) Il-Kummissjoni kienet provduta b'dettalji dwar xi miżuri intenzjonati li jittieħdu in segwitu għal Artikolu 3(1)?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

3. (a) Ittieħdu miżuri fit-twettiq tal-obbligazzjoni f'Artikolu 5(1) biex jistabbilixxu network integrat u adegwat ta'stallazzjonijiet tad-disponiment?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Iva", jekk jogħġbok agħti d-dettalji.

(ċ) Jekk jogħġbok agħti d-dettalji tal-estent u l-forma ta' xi kollaborazzjoni li setgħu tieħdu ma' Stati Membri oħra fit-twettiq tal-obbligazzjoni f'Artikolu 5(1).

(d) Xi grad ta' awto-suffiċjenza fid-disponiment tal-iskart inkiseb fl-Istat Membru? Jekk jogħġbok amplifika din it-tweġiba bil-figuri attwali u stmati għall-iskart prodott u dispost fl-Istat Membru, mit-total tal-iskart kollu prodott fl-Istat Membru li kien jeħtieġ li jkun dispost.

▼M1

4. Skond l-Artikolu 7(1), jekk jogħġbok agħti d-dettalji li ġejjin, fejn jeżistu, billi tindika jekk xi wħud minn dawn il-figuri mogħtija humiex stimi:

	L-iskart tad-djar u simili (tunnellati/sena)
Total ta' l-iskart iġġenerat (*) li minnu:	
riċiklat (*)	
inċinerat (*)	
inċinerat b'irkupru ta' enerġija (*)	

▼**M1**

	L-iskart tad-djar u simili (tunnellati/sena)
mormi f'miżbla artifiċjali (*):	
oħrajn, jekk jogħġbok speċifika (*):	

(*) Fl-Istat Membru

▼**B**

5. (a) Kienu adottati regoli ġenerali biex jipprovdu eżenzjonijiet in segwitu għal Artikolu 11?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal a) fuq hija "Iva" imma l-Kummissjoni ma kinitx infurmata bir-regoli ġenerali adottati, jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

6. (a) It- tipi ta'stabbilimenti u impriżi li hemm referenza għalihom f'Artikoli 9 u 10 huma meħtieġa li jżommu rekords, in segwitu għal Artikolu 14, f'forma *standard*?

(Iva/Le)

Jekk, iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji.

(b) Il-produtturi huma mitluba li jikkonformaw ma' Artikolu 14?

(Iva/Le)

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji.

▼B

Applikazzjoni tad-Direttiva 91/692/KEE dwar rapporti għall-armonizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi relatati mal-ambjent

▼M2

KWESTJONARJU

għar-rapport tal-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b' mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-dranaġġ jintuża fl-agrikoltura ([1]), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE ([2]) u bir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])

▼B

Mhemmx għalfejn li tkun ripetuta l-informazzjoni li diġà kienet provduta.

I. INKORPORAZZJONI FIL-LIĠI NAZZJONALI

1. (a) Kienet il-Kummissjoni pprovduta bid-dettalji tal-liġijiet kurrenti u r-regolamenti fis-seħħ biex jinkorporaw id-Direttiva kif emendata fil-liġi nazzjonali?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex.

2. (a) Jekk kienu adottati miżuri nazzjonali in segwitu għal Artikolu 5 biex jassiguraw li l-ħama tad-drenaġġ ma tkunx tista' tintuża fil-ħamrija b'konċentrazzjonijiet ta' metalli tqal wieħed jew iktar li jaqbżu l-valuri tal-limitu miftehma, il-Kummissjoni kienet mgħarrfa b'dawn il-miżuri?

(Iva/Le)

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet għaliex

(ċ) Jekk kienu adottati miżuri nazzjonali iktar stretti minn dawk ipprovdut għalihom fid-Direttiva, kienet il-Kummissjoni mgħarrfa b'dawn il-miżuri in segwitu għal Artikolu 12?

(Iva/Le)

(d) Jekk it-tweġiba għal (c) hawn fuq hija "Le", jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet tiegħek għaliex.

II. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

1. Jekk jogħġbok ikkwota kwalunkwe kondizzjonijiet speċifiċi li kienu meqjusa neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa umana u l-ambjent skond l-ewwel inċiż ta' Artikolu 3(2), meta ntużaw residwi ta' ħama minn tankijiet septiċi u stallazzjonijiet oħra simili għat-trattament tal-ilma ħażin għal skopijiet agrikoli.

2. (a) Rigward Artikolu 5, jekk jogħġbok kompli t-tabella li ġejja, billi tgħid jekk xi parti mill-informazzjoni mogħtija hijiex stima:

([1]) (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru 1991, biex tistandardizza u tirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti direttivi fuq l-ambjent (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġiżlazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115).

▼B

Metall	Artikolu 5(1)		Artikolu 5(2)(a)		Artikolu 5(2)(b)	
	Konċentrazzjoni fil-ħamrija		Konċentrazzjoni fil-ħama		Applikazzjoni fl-agrikoltura	
	Direttiva l-Anness I A	Valuri tal-limitu nazzjonali	Direttiva l-Anness I B	Valuri tal-limitu nazzjonali	Direttiva l-Anness I C	Valuri tal-limitu nazzjonali
	Mg/kg Materja niexfa	Mg/kg Materja niexfa	Mg/kg Materja niexfa	Mg/kg Materja niexfa	Kg/ha/yr	Kg/ha/yr
Cadmium	1 sa 3		20 sa 40		0,15	
Ramm	50 sa 140		1 000 sa 1 750		12	
Nikil	30 sa 75		300 sa 400		3	
Ċomb	50 sa 300		750 sa 1 200		15	
Żingu	150 sa 300		2 500 sa 4 000		30	
Merkurju	1-1,5		16-25		0,1	
Kromju	—		—		—	

(b) Jekk kienet magħżula l-opzjoni proposta taħt Artikolu 5(2)(a), jekk jogħġbok indika l-kwantità ta' ħama massima li tista' tkun applikata lill-ħamrija għal kull unità ta' wiċċ annwalment (f'tunnellati ta' materja niexfa kull ettaru kull sena).

(ċ) Jekk kienu permessi valuri tal-limitu inqas stretti għall-konċentrazzjonijiet ta' metalli tqal fil-ħamrija skond Anness I A, nota 1, jekk jogħġbok kompli t-tabella li ġejja, billi tgħid jekk xi parti mill-informazzjoni mogħtija hijiex stima.

Metall	Numru ta' siti (*)	Wiċċ kopert (ha)	Tip ta' ħamrija (inklużi karatteristiċi idroloġiċI)	pH	Valur tal-limitu ġdid (mg/kg materja niexfa	Kummenti u/jew raġunijiet għad-deroga (uża folja separata jekk meħtieġ)
Kadmiju						
Ramm						
Nikil						

▼B

Metall	Numru ta' siti (*)	Wiċċ kopert (ha)	Tip ta' ħamrija (inklużi karatteristiċi idroloġiċI)	pH	Valur tal-limitu ġdid (mg/kg materja niexfa	Kummenti u/jew raġunijiet għad-deroga (uża folja separata jekk meħtieġ)
Ċomb						
Żingu						
Merkurju						
Kromju						

(*) jew numru ta'impjanti tat-trattament tal-ilma ħażin koperti bid-deroga.

(d) Jekk kienu permessi valuri tal-limitu inqas stretti għall-konċentrazzjonijiet ta' metalli tqal fil-ħamrija skond Anness I A, nota 2, jekk jogħġbok kompli t-tabella li ġejja (l-ewwel tliet kolonni mhumiex obbligatorji)

Metall	Numru ta' siti (*)	Kwantità massima ta' ħama awtorizzata (tunnellati materja niexfa)	Tip ta' ħamrija(inklużi karatteristiċI idroloġIċi)	pH	Valur tal-limitu ġdid(Mg/kg materja niexfa)	Kummenti u/jew raġunijiet għad-deroga (uża folja separata jekk hemm bżonn
Ramm						
Nikil						

▼B

Metall	Numru ta' siti (*)	Kwantità massima ta' ħama awtorizzata (tunnellati materja niexfa)	Tip ta' ħamrija(inklużi karatteristiċI idroloġIċi)	pH	Valur tal-limitu ġdid(Mg/kg materja niexfa)	Kummenti u/jew raġunijiet għadderoga (uża folja separata jekk hemm bżonn
Żingu						

(*) jew numru ta'impjanti għat-trattament tal-ilma ħażin koperi bid-deroga

(e) Jekk kienu permessi valuri tal-limitu inqas stretti għall-konċentrazzjonijiet ta' metalli tqal fil-ħamrija skond Anness I Ċ, nota 1, jekk jogħġbok kompli din it-tabella, billi tgħid jekk xi parti mill-informazzjoni mogħtija kinitx stima.

Metall	Numru ta' siti	Wiċċ kopert (ha)	Tip ta' ħamrija (inklużi karatteristiċi idroloċIċi)	pH	Valur tal-limitu ġdid (kg/ha/yr)	Kummenti u/jew raġunijiet għadderoga (uża folja separata jekk hemm bżonn)
Kadmiju						
Ramm						
Nikil						
Ċomb						
Żingu						

▼B

Metall	Numru ta’ siti	Wiċċ kopert (ha)	Tip ta’ ħamrija (inklużi karatteristiċi idroloċiċi)	pH	Valur tal-limitu ġdid (kg/ha/yr)	Kummenti u/jew raġunijiet għad-deroga (uża folja separata jekk hemm bżonn)
Merkurju						
Kromju						

3. (a) Rigward Artikolu 6, jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor it-teknoloġiji użati għat-trattament tal-ħama.

   (b) Saru liġijiet biex jassiguraw li l-analiżi jitwettqu f’intervalli iktar spissi minn dawk provdut għalihom f’Anness II A (1)?

   (Iva/Le)

   (ċ) Jekk it-tweġiba għal (b) hawn fuq hija “Iva”. Jekk jogħġbok agħti iktar dettalji.

   (d) Ġew stabbiliti kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-injezzjoni jew għal xogħol fil-ħamrija ta’ ħama mhix ittrattata (Artikolu 6(a))?

   (Iva/Le)

   (e) Jekk it-tweġiba għal (d) hawn fuq hija “Iva”, jekk jogħġbok agħti iktar dettalji.

4. Rigward Artikolu 7, jekk jogħġbok, indika, fejn xieraq, it-tul tal-perjodu li matulu huwa pprojbit li tintuża ħama fuq mergħat qabel ma jittieħdu bhejjem jirgħu fuqhom, u fuq magħlef qabel ma jinħasad.

5. (a) Ġew awtorizzati xi valuri tal-limitu mnaqqsa, fejn xieraq, xi miżuri oħra, fuq livell nazzjonali fejn il-pH tal-ħamrija huwa taħt 6, kif ipprovdut għalih f’Artikolu 8?

   (Iva/Le)

   (b) Jekk it-tweġiba għal (a) hawn fuq hija “Iva”, jekk jogħġbok kompli din it-tabella.

	Kadmiju	Ramm	Nikil	Ċomb	Żingu	Merkurju	Kromju
Valur tal-limitu mnaqqas (mg/kg materja niexfa)							
Miżuri oħra							

▼B

6. (a) Jekk xieraq, indika liema tipi ta' analiżi twettqu, in segwitu għal Artikolu 9, fuq parametri ta' ħamrija skond Anness II B (1), minbarra dawk imsemmija f'Anness II B (3) (pH u metalli tqal).

   (b) Għid il-frekwenza minima tal-analiżi tal-ħamrija (Anness II B (2)).

7. Fuq il-bażi tad-data kkontenuta fir-rekords li hemm riferenza għalihom f'Artikolu 10, kompli t-tabelli li ġejjin, billi tgħid jekk xi parti mill-informazzjoni mogħtija hijiex stima.

	Materja niexfa (tunnellati/sena)			Wiċċ kopert (opzjonali)		
	1995	1996	1997			
Ħama prodotta mill-impjanti tat-trattament tal-ilma ħażin						
				1995	1996	1997
Ħama użata fl-agrikoltura						

ĦAMA UŻATA FL-AGRIKOLTURA

Kontenut medju mg/kg materja niexfa

Parametri	1995	1996	1997
METALLI			
Kadmiju			
Ramm			
Nikil			
Ċomb			
Żingu			
Merkurju			
Kromju			
ELEMENTI			
Nitroġenu (total N)			
Fosfru (total P)			

▼M2

Pożizzjoni ġeografika jew ġeometrija li tidentifika l-postijiet fejn trid tintuża l-ħama	
Tip ta' *data* *(Wieħed biss mit-tipi ta' data jrid jintuża għal kwalunkwe pożizzjoni ġeografika jew ġeometrija partikolari.)*	**Koordinati ġeografiċi ta' pożizzjoni jew ġeometrija** *(Il-pożizzjoni trid tiġi rappreżentata b'punt. Il-ġeometrija tista' tkun poligonu jew poligonu donut (poligonu b'toqba).)*
Ġeometrija ta' ħabel tar-raba (*)	
Ġeometrija ta' ħabel katastali	
Ġeometrija oħra li tidentifika ż-żona tal-art agrikola fejn irid jintuża l-ħama tad-dranaġġ	
Koordinati ġeografiċi ta' punt fuq żona ta' art agrikola fejn irid jintuża l-ħama tad-dranaġġ.	

(*) Kif definita fl-Artikolu 67(4), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

▼B

8. Għid in-numri ta' każijiet li fihom ingħataw eżenzjonijiet taħt Artikolu 11.

▼M2

9. Siti web nazzjonali għat-tixrid tar-reġistri konsolidati f'konformità mal-Artikolu 10(2)

   Agħti l-ħolqiet għas-siti web nazzjonali fejn ir-reġistri msemmija fl-Artikolu 10(1) ikunu disponibbli u faċilment aċċessibbli għall-pubbliku f'format ikkonsolidat.